MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1448/2002/1

**John Cauchi**

**vs**

**John Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti danni ikkagjonati lilu fil-vettura EBY553 proprjeta tieghu u dana meta fit-12 ta' Settembru 1999 fi Triq it-Torri, Sliema waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura CBF 592 b'manjiera perikoluza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma'l-imsemmija vettura ta'l-attur minnu misjuqa u ikkagunalu danni li ma jecceddux l-elf u hames mitt lira Maltin kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Gunju 2001 u bl-imghax sal-hlas effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta’ Lulju 2002 fejn gie eccepiet:
1. Illi l-incident sehh tort unikament ta’l-attur minhabba negligenza, imperizja, traskuragini jew nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Illi d-danni reklamati mill-attur huma ezagerati.
3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur John Cauchi, PS 16 Martin Cordina u EO16 George Schembri, Mario Cumbo u ta’ Victor Spiteri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti u cioe’ Dokumenti JC1 sa JC4 kif ukoll ta’l-affidavit kontenenti x-xhieda bil-gurament ta’ John Mary Galea.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Frar 2004 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza stante illi l-konvenut baqa’ ma deherx u ghalhekk naqas li iressaq il-provi in sostenn ta’l-eccezzjonijiet sollevati minnu.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh bejn xarabank misjuqa mill-attur u vettura misjuqa mill-konvenut. Jidher illi fil-mument ta’l-impatt ix-xarabank kienet wieqfa fuq *bus stop* gewwa Triq it-Torri u precisament vicin il-Preluna Hotel, meta l-konvenut hareg minn post fejn kien ipparkeggjat, hekk kif ix-xarabank bdiet titharrek minn fuq il-*bus stop*, wara li kienet rikbet xi passiggieri biex b’hekk sehhet il-kollizzjoni.

L-attur jikkontendi illi hekk kif kien waqqaf ix-xarabank fuq il-*bus stop* kien lemah il-vettura tal-konvenut ipparkeggjata fil-*bus lane*, bil-quddiem taghha ihares lejn id-direzzjoni

tal-bahar. L-attur isostni illi huwa ma waqqafx fil-*bus lane* kif kellu jaghmel peress illi ma setax jaghmel dan minhabba il-vetturi li kien hemm ipparkeggjati gol-*bus lane* fosthom dik tal-konvenut u ghalhekk kellu iwaqqaf barra fit-triq. Il-hsarat fix-xarabank ta'l-attur kienu fil-*bumper* li kellu ghafsa 'il gewwa fih u dana kif konfermat mis-surgent Martin Cordina. Is-surgent Cordina ukoll jikkonferma illi meta acceda fuq il-post huwa kien sab il-vettura tal-konvenut wieqfa madwar metru u nofs fuq il-*bus stop*. Huwa isostni illi l-*parking* hu permess f'din iz-zona mill-linja tal-bus stop lil hin u f'posizzjoni perpendikolari mal-bankina.

Is-surgent jaghti l-verzjoni moghtija mill-konvenut dak in-nhar ta'l-incident, li kien qallu li kien ipparkeggja hdejn il-*bus lane* u mar jiehu café. F'dan il-mument kien hemm zewg vetturi tal-linja weqfin hemmhekk u meta mar lura sab xarabank wahda (cioe' dik ta'l-attur) ghadha wieqfa u vojta mill-passiggieri. Il-konvenut madanakollu qatt ma xehed f'dawn il-proceduri ghalkemm inghata iktar minn opportunita wahda sabiex jaghmel dan.

Madanakollu EO 16, George Schembri jikkonferma illi ix-xarabank ta'l-attur ma kenitx ilha wieqfa hdejn il-*bus stop* u li kienet waqqfet f'dan il-post sabiex tghabbi il-passiggieri. Huwa ra l-incident isehh ghaliex kien jinsab f'din iz-zona jaghti *parking contravention tickets* u fil-fatt kien ser jaghti wahda lill-konvenut meta gie hu flimkien ma' martu u qallu li kien ser isuq. F'dan il-mument huwa ra lix-xarabank ta'l-attur tasal fuq il-*bus stop*. Jikkonferma illi l-attur ma setax jidhol fil-*bus bay* minhabba li kien hemm vetturi ipparkeggjati hemmhekk. Huwa ra lill-attur qieghed jghabbi il-passiggieri u hekk kif beda isuq, l-konvenut saq fl-istess mument u sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi.

Ikkunsidra,

Illi mill-assjem tal-provi migbura ma jidhirx illi l-attur kellu xi htija ghal dan l-incident meta huwa waqqaf fuq il-*bus stop* sabiex irikkeb il-passiggieri. Jidher illi l-konvenut li kien ipparkeggja f'post projbit ghal dan il-ghan, irealizza illi

kien hemm *traffic warden* lest sabiex jaghtih *parking ticket* ghal din il-kontravenzjoni u ghalhekk minghajr l-ebda prekawzjoni u b'nuqqas ta' attenzjoni sabiex ifittex jaqla' minn fejn kien, saq dritt ghal fuq ix-xarabank li kienet ser tibda' miexja. Il-konvenut kellu responsabbilta' doppja, l-ewwelnett ghaliex kien wieqaf f'post fejn mhux suppost u fit-tieni lok ghaliex dan il-post kien riservat sabiex iwaqqfu il-karozzi tal-linja sabiex irikkbu u inizzlu il-passiggieri. Ghalhekk huwa messu qaghad iktar attent qabel ma jaqbad isuq anke minhabba l-fatt li seta' kien hemm xi nies fil-vicinanzi qed jaqqsmu minn hdejn din il-*bus stop* sabiex jaghmlu uzu minnha. Illi ghalhekk il-verzjoni moghtija minnu lis-surgent tal-pulizija dak in-nhar ta'l-incident ma tistax titwemmen, iktar u iktar fid-dawl tax-xhieda ta' EO16 George Schembri, xhud okulari li seta' jirrakkonta kif sehh l-incident.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, l-attur jikkontendi illi peress illi x-xarabank kellha hsara ohra fiha u dana kif jindika is-*survey report* esebit minnu, Dokument JC2, l-ammonti indikati fir-ricevuti minnu esebiti ghandhom jinqassmu bin-nofs skond l-imsemmi *survey report*. Illi ghalhekk mid-Dokument JC3, jirrizulta illi l-ammont li thallas ghal *panel beating* u *spray* kien ilahhaq Lm184 u dana kif ikkonfermat mix-xhud John Mary Galea li ghamel dan ix-xoghol. Illi ghalhekk l-konvenut ghandu ikun tenut responsabbli ihallas nofs dan l-ammont u ncioe' Lm92. Inoltre ghal *loss of earnings*, jidher illi dawn jammontaw ghal Lm100 u ghalhekk l-konvenut huwa tenut ihallas nofs dan l-ammont ukoll u cioe' Lm50. L-attur jixhed illi hallas Lm3 ghar-rapport tal-pulizija. Ghalhekk b'kollox l-konvenut huwa tenut ihallas lill-attur in linja ta' danni ghall-incident mertu ta' din l-kawza is-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145). Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan it-tieni eccezzjoni tal-konvenut tisthoqq li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-ewwel u in parti it-tielet eccezzjoni sollevati minnu jilqa' it-tieni u in parti it-tielet eccezzjoni u ghalhekk jilqa' ukoll it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u hamsa u

erbghin lira Maltin. Ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din s-somma u cioe' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 2001 ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------